



Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9195/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0063(COD)

CODEC 821
UK 87
POLCOM 82
COMER 52
UD 95
PE 52

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti ttrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-8 sal-11 ta' Mejju 2023)

I. INTRODUZZJONI

Fil-5 ta' April 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fid-9 ta' Mejju 2023, ir-rapporteur Seán KELLY (PPE, IE) ippreżenta rapport f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) bl-għan li tiġi aċċettata l-proposta tal-Kummissjoni.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-9 ta' Mejju 2023 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti ttrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti ttrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq (COM(2023)0125 – C9-0032/2023 – 2023/0063(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0125),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0032/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' April 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0164/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Mejju 2023 bil-ksieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 fir-rigward tal-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti tal-azzar ittrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 2023.

Billi:

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-merkanzija importata minn barra l-Unjoni għandha tkun eliġibbli għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra tal-importazzjoni biss jekk dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorji elenkati fih. Din id-dispożizzjoni tindirizza r-riskji għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern tal-Unjoni u għall-integrità tal-Politika Kummerċjali Komuni li jirriżultaw miċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni jew ta' kwoti oħra tal-importazzjoni. It-territorji stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.
- (2) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni³ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") jipprevedi l-ftuħ mill-Unjoni ta' kwoti fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mir-Renju Unit. Barra minn hekk, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjon jagħti lill-Unjoni d-dritt li tintroduċi kwoti tariffarji jew kwoti oħra tal-importazzjonifir-rigward tal-importazzjonijiet ta' merkanzija li toriġina mir-Renju Unit taħt ċerti ċirkostanzi, inkluż bħala parti mill-applikazzjoni tal-miżuri multilaterali ta' salvagwardja f'konformità mal-Ftehim tad-WTO. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi ċċarat jekk il-merkanzija li toriġina mir-Renju Unit u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq hijiex eliġibbli għal trattament skont dawk il-kwoti tariffarji jew kwoti oħra tal-importazzjoni.

² Ir-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (ĠU L 432, 21.12.2020, p. 1).

³ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (3) Ir-Renju Unit huwa marbut bl-arranġamenti stipulati fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-"Protokoll") tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁴ (il-"Ftehim dwar il-ħruġ"). Għalhekk, ir-relazzjoni legali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward tal-merkanzija li toriġina mir-Renju Unit u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq hija fundamentalment differenti minn dik bejn l-Unjoni u kwalunkwe pajjiż terz ieħor fir-rigward tal-merkanzija li toriġina f'tali pajjiż terz u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq.
- (4) Ir-Renju Unit ipprova evidenza li turi li ċerti prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Renju Unit li bħalissa huma soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159⁵ (il-"prodotti kkonċernati") ġew ittrasferiti fi kwantitajiet sinifikanti lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika ta' daww it-trasferimenti u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Irlanda ta' Fuq, huwa xieraq li l-prodotti kkonċernati jitħallew jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji tal-Unjoni rilevanti meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq.

⁴ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

- (5) Sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti kkonċernati mill-importazzjonijiet tal-istess prodotti li joriġinaw minn pajjiżi oħra, meta tali prodotti jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq, jenħtieġ li l-prodotti kkonċernati jiġu kkonsenjati direttament minn partijiet oħra tar-Renju Unit.
- (6) Barra minn hekk, ir-Renju Unit ħa impenn li jieħu l-miżuri neċessarji, f'konformità mal-Protokoll, biex jiżgura li t-trasferimenti tal-prodotti kkonċernati bl-użu tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni jiġu kkalkolati ma' dawn il-kwoti, malli tali prodotti jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq, daqslikieku dik il-merkanzija ġiet importata fl-Unjoni.

- (7) Peress li l-ħtieġa għall-importazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq tal-prodotti kkonċernati tista' tvarja maż-żmien, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tiġi aġġustata l-lista tal-prodotti kkonċernati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anki fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/2170 jiġi emendat skont dan.
- (9) Bis-saħħa tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Protokoll, flimkien mal-Artikolu 13(3) tiegħu, dan ir-Regolament japplika wkoll għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (10) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil potenzjali fit-trasferimenti tal-prodotti kkonċernati minn partijiet oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁶ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2020/2170

Ir-Regolament (UE) 2020/2170 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jinżdied it-tieni paragrafu li ġej:

"Il-merkanzija elenkata fl-Anness li toriġina mir-Renju Unit u li hija soġġetta għall-miżuri ta' salvagwardja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159* li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit għandha tkun eliġibbli wkoll għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jekk dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Irlanda ta' Fuq.

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 1a

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 1b, li jemendaw dan ir-Regolament sabiex mal-lista stabbilita fl-Anness jiżdiedu ċerti kategoriji ta' merkanzija li toriġina mir-Renju Unit u li hija soġġetta għall-miżuri ta' salvagwardja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159, li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit dment li r-Renju Unit ikun ta prova sodisfaċenti lill-Unjoni tal-ħtieġa li dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq.

Artikolu 1b

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 1a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 1a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

- (3) it-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament jinżdied bħala Anness.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS

"ANNESS

Deskrizzjoni tal-kwota tariffarja	Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM)⁷
Il-kategorija 7 tal-azzar	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60, 7225 99 00
Il-kategorija 17 tal-azzar	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90

".

⁷ Kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).